# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.14

**Kapitlu 4: Ejja inkunu ħbieb tajbin!**

**Lezzjoni 4.14:** Nitolbu għall-oħrajn.

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Jitgħallmu li t-talb huwa għotja u turija t'imħabba wkoll.

2. Ġesù jieħu ħsieb lil dawk li aħna **nitolbu** għalihom.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Starboard presentation:

  Nitolbu għall-oħrajn

- Worksheet:4.8 Nitolbu għall-oħrajn.

## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Uri stampi ritratti ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù fl-i*Starboard presentation* u tirrakkonta l-ġrajja tagħha:

Darba kien hemm tifla jisimha Therese u xtaqet issir soru. Meta kellha 15-il sena saret soru flimkien ma' ħutha l-bniet l-oħra. Therese u ħutha kienu jħobbu jgħinu ħafna lin-nies foqra u li kienu ħafna fil-bżonn. Therese kienet tħobb ukoll lit-tfal li jgħixu fil-pajjiżi fejn hemm ħafna faqar. Kienet tħoss ħafna għalihom. Kemm xtaqet issiefer u tmur fil-missjoni tgħinhom! Imma Therese kienet soru tal-klawsura u ma tantx kienet b'saħħitha. Ma setgħetx toħroġ mill-kunvent. Ma setgħetx tmur ħdejn it-tfal tal-missjoni.Therese baqgħet taħseb kif tista' tgħin u darba qalet:



"Naf x'nagħmel! Jien ma nistax immur il-missjoni bilfors i fil-kunvent għax jien soru. Imma xorta nista' ngħin lin-nies Nibda nitlob għalihom!"

Minn dakinhar Therese bdiet titlob għalihom. Filgħodu titlob għalihom. Filgħaxija titlob għalihom. Titlob għalihom il-ħin kollu. Ġesù kien jieħu gost bit-talb tagħha. Issa l-Papa sejħilha: "Il-Qaddisa tal-Missjoni".

- Fisser kif hi għenet ħafna bit-talb tagħha lit-tfal foqra tal-Missjoni. Avolja baqgħet dejjem magħluqa fil-kunvent ġewwa Franza

## Nisimgħu flimkien (actual lesson)

- Kompli uri *Starboard presentation* **u staqsi:**

Dawn għalfejn kienet tużahom Tereża? It-tfal jiddiskutu flimkien mal-għalliema l-użu ta' platt, ktieb, arloġġ u par idejn jitolbu. Liema minn dawn taħsbu li Tereża kienet tuża biex tgħin
lil min hu fil-bżonn?



- Kompli  uri Starboard presentation u tistaqsi:  Ejja nagħmlu bħal Santa Tereża.  Aħna lil min nistgħu ngħinu bit-talb tagħna? It-tfal jgħidu l-ideat tagħhom u l-għalliema  tiktibhom fis-sħabiet  li hemm madwar it-tfal jitolbu. L-għalliema turi lit-tfal li dak it-talb kollu jisimgħu Ġesù. Ġesù jieħu gost bit-talb tagħna hekk kif kien jieħu gost bit-talb ta' Santa Tereża.
- Ikkonkludi billi t-tfal iħarsu lejn il-Karta ta' Taħriġ 4.8: **Nitlob għall-oħrajn** It-tfal iħarsu lejn l-istampi. Min ikun jixtieq,  jgħid xi talba ċkejkna dwar xi ħadd minn dawk in-nies fl-istampi jew xi ħaddieħor illi jafu huma illi għandu bżonn it-talb.
- It-tfal ipinġu l-istampi  fil-karta.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**




1. L-istorja ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù.
2. It-talb huwa għajnuna għal min hu fil-bżonn
3. Ningħaqdu flimkien biex nitolbu.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

*Insir naf aktar dwar  it-tfal li huma foqra, morda u f'xi bżonn ieħor li  huma qrib u 'l bogħod minni biex nitlob għalihom.*



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

http://www.youtube.com/watch?v=7sQheKNBlss



**Nitolbu**

Mulej isma' t-talb ta' dawn it-tfal

u agħmel li t-talb tagħhom jgħin lil min

għandu bżonnu.

